Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 49

**22 t' Awissu 2022**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tnejn 22 ta' Awissu 2022 fil-5:00 pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Joline Attard - Kunsillier
Corinne Buhagiar - Kunsillier
Malcolm Gatt - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 49 għad-disa’ leġislatura

| | |
|---|---|
| **49.1** | **Qari tal-ittri ta’ apoloġiji** |
| | Nil |
| **49.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 49.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 47 u numru 48 seduta tal-laqgħa b’urġenza, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta’ imejl u ġew approvati mill- kunsilliera s-Sinj. Joline Attard u ġew issekondti mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia. |
| **49.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 49.03.01 | Is-Sindku ressaq l-applikazzjoni li s-segretarju imliet sabiex il-kunsill japplika għall-iskema ĊIRKULARI NUMRU SPI/SCI/8/2022 - Espressjoni ta’ Interess – Finanzjament Milied 2022, il-kunsilliera qablu unanimament dwar din l-applikazzjoni. |
| 49.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li is-surġent tal-Community Police għal dawn ix-xaharejn ser ikun is-Surġent Michael Zahra. |
| 49.03.03 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju bagħtu għal-permess tal-Era sabiex jinqatgħu s-siġar ta’ Triq il-Vitorja għal żabra. |
| 49.03.04 | Is-Sindku informa l-kunsill li l-ħaddiema tal-Bad Boys li kienu qed jieħdu ħsieb il-letrina fil-*Weekends* waqfu għal xaharejn, informa wkoll lil kunsilliera li l-kunsill bagħat imejl l-Għassa ta’ Bormlsa sabiex ikun hemm iktar patrol fix-xatt tal-Isla u jieqfu u jidħlu fil-letrini tax-xatt għax qed ikun hemm l-abbużi. Sindku iddiskuta mal-kunsilliera li l-letrina tal-Gardjola ser jibda jieħu ħsiebha Sven Formosa. |
| 49.03.05 | Is-segretarju eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li sar ir-rapport tal-awdituri tal-proġett Once Upon a Time u qed ikun hemm korrispondenza ma Petia Zacheva sabiex dawk in-nuqassijiet li instabu jiġu korreti. Ser jinxtraw ukoll il-tickets ta’ l-ajru għas-Serbia għal Proġett Connect Engage Empower li qed jieħu ħġsieb is-Sur Arthur Perici u il-Kunsilliera Joline Attard flimkien mas-sindku u l-kunsillier Malcolm Gatt fejn ser jitilgħu ħames żgħażagħ għal dan il-proġett. Is-Segretarju eżekuttiv spjegat ukoll li il-viċi sindku is-Sur Anthonyh Bonavia ser jitla’ Brussels għall-konferenza li intbgħatet mill-AKL Cir AKL 2022/072 European Week of Regions and Cities - Brussels Oct 2022. |

| | |
|---|---|
| 49.03.06 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li kellha laqgħa mal-kuntrattur ta' Triq Sant Anġlu u l-WSC flimkien mal-perit fejn il-WSC talbu sabiex issir *pilot hole* biex b'hekk ikunu jafu kemm huwa l-isfel id-dranaġġ u jekk hemmx bżonn li jinbidel.Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet imejl lis-Sur Chris Agius sabiex din il-pilot hole issir mill-aktar fis possibli sabiex il-kuntrattur ikun jista' jibda ix-xogħol u kemm jista jkun ma jaħbatx max-xogħol ta' Triq il-Vitorja. |
| 49.03.07 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet imejl mibgħuta minn għand is-Sur Joseph Azzopardi fil-21 ta' Lulju 2022 fejn it-talba ta' estensjoni tal-Proġett finanzajt min-Norway Grants ġiet milqgħuha sabiex tiġi estiża sa tnax il-xahar. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma din l-estensjoni tal-kuntratt. |
| 49.03.08 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li fit-2 ta' Settembru waqt il-quddiesa tal-għaqdiet ser jintwera il-vedeo 3D li kien inġibed ġol-knisja mill-kumpanija *360 Photography, Digital Tour creation* u li kien ġie iffinanzjat mir-Reġjun Xlokk li dan ir-Reġjun issa sar Reġjun Port. |
| 49.03.09 | Is-Sindku informa lil kunsilliera lis-Sinj Rachel Tanti xtaqet tkun taf fejn ser jitpoġġew dawn l-iskips li ser jiġu użati mill-ħwienet u restoranti b'sistema ta' card. Is-sindku flimkien mal-kunsilliera ikkonfermaw li dawn l-iskips għandhom jiġu installati fiż-żona ta' fejn il-grawnd tal-futbol, għalhekk is-segretarju eżekuttiv ser tibgħat lis-Sinj. Rachel Tanti site plan ta' fejn ser jiġi installati sabiex fl-aħħar t' Awissu ser toħroġ tender għal dawn l-iskips. |
| 49.03.10 | Is-Segretarjuy Eżekuttiv informat lil kunsilliera li s-Sur George Douglas Saliba minn The responsable Coastal Business Network Zero Wate xtaq ikun jaf jekk kiex hemm xi ħadd mis-sidien tal-ħwienet u restoratni li jixtiequ li jipparteċipaw għal din l-iskema. |
| 49.03.11 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-każin tal-banda bagħat stedina għall-kunsilliera kollha għal-kunċert u riċeviment fit-3 u l-5 ta' Settembru, kif ukoll il-każin tan-Nazzjonalisti stieden il-membri tal-kunsill u staff għall-riċeviment tal-festa fl-4 ta' Settembru. Is-Sindku wkoll informa li hemm imejl li intbgħatet mir-Rev Arċipriet Fr. Robin sabiex jiġi infurmat min ser jattendi għal-quddissiet ta' matul il-programm tal-festa. Is-Sinkdu informa wkoll lil-kunsilliera preżenti li fl-aħħar ta' Settembru ser ikun hemm ukoll il-festival tal-baned mill-Fondazzjoni Kottonera. L-Isla ser ikunu fejn il-grawnd tal-futbol. |
| 49.03.12 | Is-Sindku iddiskuta li fis-26 t' Awissu ser ikun hemm attivita tar-Regatta sabiex jinawguraw l-isem tat-triq Nazzarenu Mifsud kulħadd huwa mistieden fis-6:30 pm. Kif ukoll il-ġimgħa fit-7:45 pm ser ikun hemm il-purċissjoni bil-Madonna iż-żgħira mix-xatt sal-għar tal- |

| | |
|---|---|
| | Madonna. Is-Sindku informa lil kunsilliera li fis-27 t' Awissu ser issir attivita sabiex jiċċelebraw li l-club kien ic-Champion tal-league għalhekk is-sindku issuġġerixa li jingħatawlhom token. Il-Kunsilliera qablu ma dan is-suġġeriment. |
| 49.03.13 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li s-Salesjani qed jitolbu permess għal-Bar fi Triq il-Vitorja k/m triq San Lawrenz għall-attivita tas-6 ta' Settembru. Is-sindku informa lil kunsilliera li l-karrijiet ser jitneħħew miż-żona ta' fejn l-open gym sakemm issir il-Clean Up Days. |
| 49.03.14 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ser jitlob lil TM għall użu tal-parkeġġ f'Boiler Wharf għall dawn iż-żminijiet tal-festa li l-ħinijiet huma dawn diment li jkun il-permess mit-TM:<br>27 t' Awissu mill-5.00pm sa nofs il-lejl<br>3 ta' Settembru mill-5.00pm sas-2.00pm<br>4 ta' Settembru mill-5.00pm sas-1.00am<br>5 ta' Settembru mis- 6.00 pm sa nofs il-lejl<br>7 ta' Settembru mill-5.00pm sas-1.00am<br>8 ta Settembru mid-9.00am sa nofs il-lejl.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera preżenti li għal dawn il-ħinijiet il-kunsill irrid iħallas għas-servizz tas-security. |
| 49.03.15 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li fi Triq l-Oratorju kien hemm problema tad-dranaġġ fejn l-ilma kien qed jitħallat mad-dranaġġ għalhekk qed jirranġaw il-WSC flimkien ma tas-sanita. Is-Sinkdu informa wkoll lil kunsilliera li sa l-aħħar t' Awissu il-mina tad-daħla tal-Isla ser tkun miftuħha għaliex ser jagħtu l-konkos taħt il-mina biex tkun miftuħa għaż-żminijiet tal-festa. Triq il-ħabs l-antik, it-triq ta' quddiem l-iskola ser tkun aċċessibli għal meta l-istudenti jidħlu l-iskola għaliex kien hemm xi ilmenti li l-iskola mhux ser tkun aċċessibli għal meta l-istudenti jirritornaw l-iskola mill-vaganzi tas-sajf. |
| 49.03.16 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet imejl diversi drabi dwar id-dawl tat-traffic lights li mhux qed tixgħel fuq l-orange għalhekk mhux qed ikun hemm ħin biżżejjed biex wieħed jidhol jew joħrog min-naħa l-oħra tal-mina. |
| 49.03.17 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv infurmaw lil kunsilliera li l-Community Workers ser tibgħat ħaddiem ġdid is-Sur Michael Azzopardi bħala handy man u jgħin il-kunsill fil-knies ta' fuq is-Sur u Triq il-Vitorja. |
| 49.03.18 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet imel li intbgħatet mill-EIT Re-Create Project li ħadu sehem fiha wkoll Dawra Madwarna fejn kienet saret attivita fil-herbal garden fi Pjazza Andrea Debono, dawn l-attivitajiet |

| | |
|---|---|
| | ser ikomplu f' Ottubru. Sara Schreiber ser tibgħatilkom imejl dwar l-invit għal-laqgħa li ser issir fil-kunsill lokali tal-Isla. |
| 49.03.19 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet l-iskema bin-numru ĊIRKULARI NUMRU SPI/SCI/9/2022 - Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom sabiex jaqraw din l-iskema u jaraw jekk jistgħux joħorġu b' idea biex il-kunsil japplika għal din l-iskema. Din l-imejl intbgħatet fit-3 t' Awissu 2022. |
| 49.03.20 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet ir-rapport tal-Contracts Manager mill-kumpanija Renergy. Dan ir-rapport tax-xahar ta' Lulju intbgħat b'imejl fit-12 t' Awissu 2022 għalhekk il-kunsill ma setax jirranġa xi nuqassijiet li kien hemm mal-kuntratturi tal-knies, tal-iskart goff u l-iskart domestiku u reċiklat. Iżda il-contract manager għandu jagħmel ix-xogħol tiegħu fil-ħin u f'waqtu u jibgħat imejl lil kuntratturi relevanti dak il-ħin stess għaliex jekk ir-rapporti ser jibqgħu jaslu tard il-contracts manager ma jkunx qed jagħti s-servizz tiegħu tajjeb. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma dan in-nuqqas u l-kuntrattur tal-contracts manager għandu jingħata default notice ta' l-aħħar. |
| **49.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Corinne Buhagiar nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall<br><br>attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Kif baqa' l-kunsill mar-reġjun dwar l-iskema SORĠI sabiex jekk issiru bankijiet ikunu jistgħu jitpoġġew fl-Open Gym.<br><br>Is-sindku informa lis-segretarju eżekuttiv biex tieħu ħsieb tiċċekja ma' Zoe Fletcher tar-Reġjun Port. |

| | |
|---|---|
| **49.5** | **Rapporti** |
| 49.5.2 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b’imjel rapporti tal-*Purchase Order* ta’ Lulju 2022 *u Petty Cash* għax-xahar t’ Awissu 2022 fejn ġew approvati mill- kunsilliera Joline Attard u s-sekondati mil-viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia. |
| **49.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 49.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 8/2022 fejn intbgħatet permezz ta’ imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mis- sinj. Joline Attard u s-Sur Anthony Bonavia. |
| **49.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 49.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30pm.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 29 t’ Awwissu 2022 fil-5:00p.m |

Konfermati, illum 22 ta’ Awissu 2022

IFFIRMATI______________
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATI_______
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv